MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2008

Numru 651/2003

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO MAGRI
VS
ANTON VASSALLO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anton Vassallo, ta’ 24 sena, iben Carmelo u Rose Marie nee’ Pullicino, imwieled fil-Pieta’ fit-23 ta’ Settembru 1978 residenti ‘St. Joseph,’ Triq Felice Zabbar, u detentur ta’ karta l-identita’ numru 495978(M);

Illi huwa akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn it-3 u l-4 ta’ Awissu, 2003 minn Triq ic-Cimiterju Haz-Zabbar ikkommetta serq ta’ vettura tal-ghamla Ford Capri bin-numru tar-registrazzjoni KAE 446 ghad-dannu ta’ John Fiorini minn Haz-Zabbar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Illi akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara fuq il-vettura tal-ghamla Ford Capri bin-numru tar-registrazzjoni KAE 446 ghad-dannu tal-istess John Fiorini, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50).

Illi akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, kkommetta reat ta' serq aggravat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' tlettax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn datata l-14 ta' Lulju, 2003 imposta fuqu mill-Magistrat Dott. J. Padovani Grima LLD

Illi akkuzat ukoll talli fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Jannar, 2002 mill-istabbiliment bl-isem 'X Bar' sitwat fi Triq Gardell, Marsascala kkommetta serq ta' somma flus kontanti ghad-dannu ta' Anthony Zarb minn Marsascala, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bil-hin.

Illi akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Anthony Zarb, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Illi akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi, u/jew fil-granet ta' wara dawn id-dati, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bil-hin.

Illi akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, kkommetta reat ta' serq aggravat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal sentejn datata l-1 ta' Frar, 2000 imposta fuqu mill-Magistrat Dott. Noel Cuschieri LLD, liema periodu operattiv ta' sentejn

sospizi gew estizi ghal erba' snin b'sentenza ohra datata 18 ta' Dicembru, 2001 li giet imposta fuqu mill-Magistrat Dott. C. Scerri Herrera LLD

Illi akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikoli 5 tal-Kap.152 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b'sentenza ohra datata 18 ta' Dicembru, 2001 moghtija mill-Magistrat Dott. C. Scerri Herrera LLD.

Illi akkuzat ukoll talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal ta' l-imputat (fol.134) li ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta, b'mod specjali mix-xhieda ta' l-Ispettur Carmelo Magri, (ara a fol.23 et seq.) illi l-Ispettur Magri kien qieghed jinvestiga diversi serqiet minn Marsascala, partikolarment mill-'X Bar', Triq il-Gardell, Marsascala, li kienet sehhet fil-16 ta' Jannar 2002. Kienet wasslitlu informazzjoni anonima li l-imputat Anton Vassallo kien involut f'din is-serqa u ghaldaqstant beda jinvestigah, u fis-7 ta' Gunju 2002 irilaxxa stqarrija Dok.CM a fol.26, fejn innega li kien involut f'din is-serqa, innega li qatt dahal fl-'X Bar', innega wkoll li qatt dahal fil-hwienet ohra tat-Triq il-Gardell, hlief ghal Sun City Cinema.

L-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi ghal rigward ta' dawk is-serqiet f'Marsascala kienet twaffqet inkjesta Magisterjali

fejn gew elevati diversi impronti digitali li kienu tajbin ghal koperazzjoni. Illi sussegwentement fl-4 ta’ Awissu 2003 l-imputat kien gie arrestat mill-Pulizija tal-Mobile Unit f’Main Street, il-Hamrun waqt li kien qed jaghmel uzu minn vetturi bin-numru ta’ registrazzjoni KAE 446, tal-marka Ford Capri li kienet giet misruqa fil-gurnata ta’ qabel, li cioe fit-3 ta’ Awissu 2003. Illi ghaldaqstant l-imputat gie arrestat u rega’ gie investigat u li kien irrilaxxa l-istqarriaj tieghu Dok.CM1 a fol.28 u fol.29, f’din l-istqarrija l-imputat kien ammetta illi kien seraq din il-karozza pero’ qal li kien behsibu li jerga’ jirritornaha wara li ghamel uzu minnha. Rega’ gie mistoqsi fuq is-serqiet ta’ l-‘X Bar’ pero’ l-imputat baqa jsostni li ma kellux x’jaqsam ma’ dawn is-serqiet. Fit-tieni stqarrija pero’, l-imputat xehed, *“Le, dik is-serqa ta’ l-X Bar, hlief li niehu drink ma dhaltx.”* Mistoqsi ghaliex qed ibiddel il-verzjoni, fis-sens, illi fl-ewwel stqarrija tieghu kien innega li qatt dahal fl-‘X Bar’, l-imputat irrisponda li forsi kien xi naqra mbezza. Gie ezebit il-process verbal redat mill-Magistrat Abigail Lofaro a fol.30 et seq. u li gie wkoll ezebit process verbal redat mill-Magistrat Noel Cuschieri a fol.32 et seq.

L-Ufficjal Prosekutur ezebixxa sentenzi Dok.CM4 a fol.35 Dok.CM5 a fol.36 Dok.CM6 a fol.44 u Dok.CM7 a fol.45.

Spettur David Saliba a fol.47 ikkonferma x-xhieda ta’ l-identita’ tas-sentenza Dok.CM5 u Dok.CM7.

Spettur Marisa Camilleri ghamlet l-istess ghal rigward tas-sentenza Dok.CM6.

PS 1428 Jesmond Delia a fol.50 ezebixxa l-okkorrenza Dok.D

Leanne Brincat a fol.52 ikkonfermat illi waqt li kient riekba fil-karozza ma’ l-imputat, li kien dak iz-zmien, l-gharus taghha, kienu gew imwaqqfin mill-Pulizija illi qalulhom li l-karozza kienet misruqha.

Stefan Fiorini a fol.55, sid il-karozza KAE 446 ikonferma li l-karozza tieghu kienet insterqitlu u li kienet giet misjuba

mill-Ispettur Magri li cempillu sabiex jatih din l-ahbar. Kienet iggarbet hsarat ta' madwar mitt lira (Lm100).

Jose' Abela, mill-Licencing Departement, ikkonferma illi l-vettura KAE 446 kienet propjeta' ta' John Fiorini ID number 52141(G) u li kienet irrapurtata nieqsa, cioe misruqa fis-7 ta' Awissu 2003 sal-11 ta' Settembru 2003.

Natalie Zahra, a fol.77, ikkonfermat Dok.MZ ezebit fil-process verbal a fol.60.

Josette Camilleri a fol.83, ikkonfermat illi l-imputat kien qed jaghmel program residenzjali ma' l-Agenzija Sedqa ghal rijabilitazzjoni kontra d-droga.

Marietta Lanzon a fol.84, Probation Officer xehedet illi kienet ilha ssegwi lill-imputat ghal dawn l-ahhar sentejn, li l-imputat kien ittrasforma ruhu.

Spettur Alfred Mallia kkonferma r-rapport illi ghamel fl-inkjesta imsejha mill-Magistrat Dr.Abigail Lofaro.

PS Saviour Pulo a fol. 86 ikkonferma l-prezenza tieghu fl-istqarrija ta' l-imputat Dok.CM1 a fol.28.

PC 956 Andrew Caruana kkonferma r-relazzjoni tieghu kontenenti fil-process verbal ta' serq mill-'X Bar' li sehh fis-16 ta' Jannar 2006.

PS 1336 Jesmond Micallef ikkonferma r-relazzjoni tieghu kif ghamel PS 964 Robert Scicluna a fol.90.

PS 233 Adrian Chetchuti, a fol.94, xehed illi kien 'watch patrol', flimkien ma' PC 1176 waqt li kienu ghaddejjin f'Santa Venera, fid-direzzjoni lejn il-Hamrun ghaddiet Capri sewda KAE 446 li kienet ghada kemm giet rappurtata nieqsa mill-'Control Room'. PS 233 Adrian Chetcuti xehed illi ntercettaw din il-'Control Room' u sabu lil Leanne Brincat u lil Anton Vassallo li gie indikat bhala l-imputat fl-awla.

PC 1176 ikkonferma x-xhieda ta' PS 233.

Anthony Zahra a fol.98, sid l-‘X Bar’ ikkonferma s-serq li sehh fis-16 ta’ Jannar 2002 fejn gie misruq il-cahs kollu mill-‘cash registers’ u ‘small change’ li kien hemm fil-bank tal-kcina ta’ l-istess hanut. Seraq xejn aktar apprti flus, cioe kien hemm kwantita’ ta’ xorb alkoholiku liu ma ntmexx. Gew mehudin pero’, il-flus li kien hemm f’zewg ‘amusement machines’ li gew sgassati flimkien mal-flus li kien hemm fil-billiard, l-ammont ta’ cash li insteraq globalment kien xi fifteen hundred (Lm1,500).

Richard Aquilina kkonferma r-relazzjoni tieghu fi process verbal rigwardanti s-serqa minn ‘X Bar’.

Spettur Carmelo Magri a fol.126 ipprezenta kopja ta’ l-okkorrenza Dok.CM7 a fol.128 u tlett ritratti li qed jigu ezebiti bhala Dok.CM1 sa Dok.CM4 tal-vettura misruqa.

Marrietta Lanzon a fol.145 ikkonfermat il-progressi li ghamel l-imputat, li segwa program residenzjali ta’ rijabilitazzjoni kontra d-droga.

L-imputat ghazel li ma jixhidx u ghazel ghajr ghal-Probation Officers tieghu u care workers tal-programm ghazel illi ma jipproduci ebda xhieda.

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi fuq prodotti din il-Qorti hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat, cioe l-ewwel tlett akkuzi. Dan qed jinghad il-ghaliex l-imputat fit-tieni stqarrija tieghu ghamel ammissjoni piena illi kien hu li seraq il-karozza KAE 446 fid-data u hin citat u li wettaq il-hsara fuq l-istess vettura illi kienet tiswa’ madwar mitt lira (Lm100 – ekwivalenti ghal 232.94 Euro). Illi s-sentenza li inghatat minn din il-Qorti, cioe Dok.CM7 a fol.45 et seq. giet debitament ukoll provata mill-Prosekuzzjoni illi wkoll pruvat ix-xhieda ta’ l-identita’ ta’ l-imputat permezz ta’ l-Ispettur David Saliba. Ghal dak pero’, li jirrigwarda s-serq minn ‘X Bar’, cioe r-raba’, il-hames, u s-sitt akkuza, din il-Qorti qed tifhem illi l-uniku prova illi pproducew il-Prosekuzzjoni kienet l-impronti

digitali tal-imputat. Huwa veru li fl-ewwel stqarrija huwa qal li qatt ma resaq lejn dan il-bar, izda fit-tieni stqarrija huwa qal li gieli mar hemmhekk sabiex jiehu drink.

Illi kif sewwa jinghad, mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fis-sentenza Pulizija vs. Anthony Abela deciza fit-28 ta' Mejju 1998:

*"…ghalkemm prova tal-finger print ghandha tkun sufficjenti sabiex tissodisfa l-oneru tal-prova, tal-Prosekuzzjoni u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi koraborazzjoni ta' prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghal htija ghall-persuna akkuzata."*

L-istess Qorti rriteniet illi, meta si tratta ta' post pubbliku:

*"F'kas fejn ghandek post pubbliku bhal hanut, knisja, cinema, hwienet tax-xorb, diskoteki, fejn dawn ta' kuljum huma frekwentati minn mijiet ta' nies, **certament ma jistax jinghad li legallment is-sejba ta' marka ta' swaba ta' xi hadd f'dawk il-postijiet hija sufficenti li ssib htija fuq sid dik il-marka**. Li rrispettivament minn min effetivament hija dik il-persuna." "…izda kas ta' postijiet pubblici **din il-prova tinnecessita' koraborazzjoni…**"*

Illi fil-kas in ezami, l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda tip ta' koraborazzjoni biex b'xi mod issahhah il-kas taghha. Fin-nuqqas ta' koraborazzjoni ebda Qorti ma ssib htija.

Ghal rigward tas-seba', it-tmien u d-disa' akkuza, l-Qorti rat is-sentenza Dok.CM3 a fol.32 u Dok.CM5 a fol.36 et seq. u taghraf illi ghalkemm is-sentenza Dok.CM5 a fol.36 giet debitament prodotta ghal dak li jirrigwarda x-xhieda ta' identita' ta' l-imputat mill-Ispettur David Saliba, l-istess ma jistax jinghata ghal Dok.CM3 fejn il-Prosekuzzjoni naqqset illi taghmel tali prova.

Illi fl-istess sentenza, Dok.CM3 apparti li jinghata 'suspended sentence', il-Qorti tati wkoll Probation.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza, mhux hati tar-raba’, il-hames u s-sitt akkuza, hati tas-seba’ akkuza fil-kofront biss tas-sentenza tat-18 ta’ Dicembru 2001 Dok.CM5 bit-tmien akkuza assorbita fis-seba’ akkuza u hati wkoll tad-disa’ akkuza u wara wkoll li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 267, 270, 271(G), 278, 279, 28(A), sa 28(G), 49, 50, 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 21 Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal erbatax-il xahar prigunerija sospizi ghal erba’ snin u tqeghdu taht ‘supervision suspended order’ ghal perijodu ta’ tlett snin taht is-suprevizjoni tad-Direttur tal-Pobation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Illi ghal rigward tas-sentenza ta’ l-14 ta’ Lulju 2003 (cioe fil-konfront tat-tielet akkuza) il-Qorti tordna l-estenzjoni tas-sentenza sospiza ghal erba’ snin mill-gurnata tallum u ghal rigward tas-seba’ akkuza ghal konfront tas-sentenza tat-18 ta’ Dicembru 2001 testendi l-istess sentenza ghal erba’ snin sospensjoni mill-gurnata tallum.

Il-Qorti tordna lill-Probation Officer jirraporta lil Qorti dwar il-progress o meno tal-imputat kull tlett xuhur.

Din il-piena qed tinghata eccezzjonalment wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta’ ta’ l-imputat fuq is-snin kollha li ilu jissielet mal-problema tad-dipendenza kbira tad-droga, l-fatt illi l-imputat segwa success konsiderevoli l-programm tar-rejabilitazzjoni kontra d-droga li llum qieghed clean, ghadu jigi segwit u jattendi fil-programmi tas-Sedqa sabiex jibqa’ jzomm ‘firm’ mal-hajja l-gdida illi qabad.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------